



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

25 ta' Jannar 2017<sup>1</sup>

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali — Ħolqien ta' dejn doganali wara l-importazzjoni irregolari ta' merkanzija — Kunċett ta' debitur — Impjegat ta' persuna ġuridika li minnha toriġina l-introduzzjoni irregolari — Determinazzjoni ta' manuvra frawdolenti jew ta' negliġenza manifesta”

Fil-Kawża C-679/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (tribunal tal-finanzji ta' Baden-Württemberg, il-Ġermanja), permezz tad-deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 2015, li waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Diċembru 2015, fil-kawża

**Ultra-Brag AG**

vs

**Hauptzollamt Lörrach,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras (Relatur), J. Malenovský, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Grønfeldt kif ukoll M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016,

tagħti l-preżenti

<sup>1</sup> — Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċizzjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu 202(3) u tal-Artikolu 212a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU 2006, L 363, p. 1) (iktar 'il quddiem il-“Kodiċi doganali”).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima ben Ultra-Brag G, impriża ta' loġistika, li toffri b'mod partikolari servizzi ta' trasport fl-ilmijiet interni Ewropej, u l-Hauptzollamt Lörrach (uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' Lörrach, il-Ġermanja) fir-rigward tal-ħlas ta' dejn doganali li għe fis-seħħ minħabba l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

### Il-kuntest ġuridiku

- 3 Il-Kodiċi Doganali tħassar mir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Ottubru 2013, li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1).

- 4 L-Artikolu 38(1) tal-Kodiċi doganali kien jiddikjara:

“Merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità għandha titwassal mill-persuna li ddaħħalha fil-Komunità mingħajr dewmien, mir-rotta speċifikata mill-awtoritajiet doganali u skond l-istruzzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm:

- a) fl-uffiċċju doganali nominat mill-awtoritajiet doganali jew f'xi post ieħor nominat jew approvat minn dawk l-awtoritajiet; jew,

[...]”

- 5 L-Artikolu 40 tal-imsemmi kodiċi kien jipprovdi:

“Il-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità għandha tkun preżentata lid-dwana mill-persuna li gābitha f'dak it-territorju jew, jekk xieraq, mill-persuna li tassumi r-responsabbiltà għat-trasport tal-merkanzija wara li tkun hekk daħlet, ħliet merkanzija trasportata b'mezzi ta' trasport li jkunu biss fi transitu fl-ilmijiet territorjali jew fl-ispazju ta' l-arja tat-territorju doganali tal-Komunità mingħajr waqfien f'dan it-territorju. Il-persuna li tippreżenta l-merkanzija għandha tagħmel riferiment għad-dikjarazzjoni fil-qosor jew għad-dikjarazzjoni doganali li kienet ġiet preżentata qabel fir-rigward tal-merkanzija.”

- 6 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 185(1) tal-Kodiċi doganali:

“Merkanziji tal-Komunità li, wara li jkunu ġew esportati mit-territorju doganali tal-Komunità, jiġiebu lura f'dak it-territorju u jinħelsu għal ċirkolazzjoni libera fi żmien tliet snin għandhom, fuq it-talba tal-persuna interessata, jingħataw eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni.”

- 7 L-Artikolu 202 tal-istess kodiċi kien jipprovdi li:

“1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz ta':

- a) l-introduzzjoni kontra l-liġi fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni

[...]

Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, introduzzjoni kontra l-liġi tfisser kull introduzzjoni li tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 38 sa 41 u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 177.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-mument meta l-merkanzija jiġi introdotta kontra l-liġi.

3. Id-debituri għandhom ikunu:

- il-persuna li tkun introduċiet dawk l-merkanziji kontra l-liġi,
- kull persuna li tkun ipparteċipat fl-introduzzjoni kontra l-liġi tal-merkanzija u li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf li tali introduzzjoni kienet kontra l-liġi, u
- kull persuna li akkwistat jew żammet il-merkanzija konċernata u li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf fil-ħin li akkwistat jew irċeviet il-merkanzija li dawn kienu ġew introdotti kontra l-liġi.”

8 L-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali kien ifformulat kif ġej:

“Fejn il-liġijiet tad-dwana jipprovdu għal trattament favorevoli ta' tariffa fuq l-oġġetti għar-raġuni tan-natura jew l-użu aħħari jew għal solliev jew eżenzjoni totali jew parzjali tad-dazji ta' importazzjoni jew esportazzjoni skond l-Artikoli 21, 82, 145 jew 184 sa 187, dan it-trattament favorevoli ta' tariffa, solliev jew eżenzjoni għandu wkoll japplika għall-każi fejn dejn mad-dwana jintefaq skond l-Artikoli 202 sa 205, 210 jew 211, bil-kondizzjoni li l-imġiba tal-persuna interessata ma tinvolvi la negozju frawdulenti u lanqas negliġenza fid-dieher u li tipproduċi xiehda li l-kondizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni ta' trattament favorevoli kienu sodisfatti.”

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

- 9 Fil-25 ta' Mejju 2010, Ultra-Brag esportat, b'mezz fluvjali, mit-territorju doganali tal-Unjoni lejn Brisfelden (l-Isvizzera), żewġ transformers kif ukoll żewġ settijiet ta' żewġ rollers.
- 10 Meta f'din l-istess data tal-25 ta' Mejju 2010 ġie informat bil-ħsara fil-bastiment li l-għada kellu jgħabbi turbina fi Strasbourg (Franza) sabiex din tiġi trasportata lejn Antwerpen (il-Belġju), impjegat ta' Ultra-Brag, speċjalist fit-trasport ta' merkanzija tqila u li kien jikkupa l-pożizzjoni ta' responsabbli għall-affarijiet marbuta mal-esportazzjoni, iddeċieda li jibgħat hemmhekk il-bastiment li ttrasporta ż-żewġ transformers u ż-żewġ settijiet ta' rollers mingħajr ma wieħed mit-transformers u ż-żewġ rollers tiegħu ma kienu tħattew. F'dan ir-rigward, qabel kollox huwa informa ruħu, mill-awtoritajiet doganali Svizzeri, dwar il-formalitajiet meħtieġa biex ikun jista' jagħmel dan. Dawn l-awtoritajiet kienu informawh li esportazzjoni mill-ġdid fl-Unjoni matul perijodu qasir ma kinitx toħloq problemi, iżda li kien ikun xieraq li l-awtoritajiet Ġermaniżi jiġu informati dwar dan. Wara ħsara fil-karozza, dan l-impjegat ma rnexxilux jinforma lil dawn tal-aħħar qabel il-ħin ta' għeluq tal-uffiċċju tad-dwana Ġermaniż kompetenti.
- 11 Sabiex it-tagħbija tat-turbina fi Strasbourg issir fit-termini ta' żmien stabbiliti, filgħaxija tal-25 ta' Mejju 2010, l-imsemmi impjegat informa l-bdot tal-bastiment li huwa kellu jitlaq lejn din id-destinazzjoni bit-transformer u ż-żewġ rollers. Din il-merkanzija ma ġietx ippreżentata lill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi mal-qsim tal-fruntiera.
- 12 Fis-26 ta' Mejju 2010, l-impjegat ikkuntattja lill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi.

- 13 Fis-27 ta' Mejju 2010, il-bastiment wasal fil-port ta' Basel (l-Isvizzera) fejn ħadt it-transformer u ż-żewġ rollers, filwaqt li t-turbina baqgħet abbord sabiex tiġi ttrasportata lejn Antwerpen. Għalhekk l-awtoritajiet doganali Ġermaniżi kkonstataw il-preżenza tat-transformer u ż-żewġ rollers fuq il-bastiment.
- 14 Permezz ta' avviż ta' dazju fuq l-importazzjoni tad-9 ta' Awwissu 2010, l-uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' Lössrach talab dazji doganali lil Ultra-Brag li kienu jammontaw għal Eur 122470.07 mingħajr ma identifika debituri oħrajn minbarra hi.
- 15 Wara li l-ilment tagħha ġie miċħud, Ultra-Brag ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Baden-Württemberg (tribunal tal-finanzi ta' Baden-Württemberg, il-Ġermanja). Hija sostniet li ma kienx hemm lok li jiġu applikati dazji fuq l-importazzjoni peress li l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti fl-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali kienu sodisfatti. Hija sostniet li ma wettqet la negliġenza manifesta, inkwantu fdat l-eżekuzzjoni tal-formalitajiet doganali lil kollaboratur ikkwalifikat, u lanqas nuqqas tal-obbligati ta' sorveljanza li bihom kien marbut.
- 16 Il-qorti tar-rinviju tqis li persuna li timpjega tista' titqies li hija debitur ta' dejn doganali fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-imsemmi kodiċi, jekk ikun jista' jitqies li l-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija hija dovuta għall-aġir tagħha, bil-kundizzjoni li dan l-aġir ikun simili għal introduzzjoni irregolari min-naħa tal-istess persuna li timpjega. Hija tosserva li l-kwistjoni dwar fuq liema bażi l-aġir ta' persuna li timpjega, persuna ġuridika, għandu jiġi eżaminat għadha ma ġietx deċiża, b'mod partikolari fir-rigward tal-punt dwar jekk għandux jittieħed inkunsiderazzjoni biss l-aġir tal-korpi tal-persuna ġuridika jew jekk għandux jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-aġir ta' wieħed mill-kollaboraturi tagħha li huma l-kawża diretta tal-introduzzjoni irregolari, sa fejn dan il-kollaboratur huwa responsabbli mit-trasport tal-merkanzija fi ħdan il-persuna ġuridika.
- 17 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-parteciċipazzjon ta' Ultra-Brag fl-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali, b'mod iktar partikolari fir-rigward tal-element suġġettiv meħtieġ minn din id-dispożizzjoni hekk kif jirriżulta mill-użu tal-kliem "li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf li [l-introduzzjoni] kienet kontra l-liġi". Fil-fehma tagħha, sabiex tevalwa dan l-element suġġettiv, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-kwistjoni għandhiex tiġi ttrattata mill-perspettiva tal-impjegat ta' Ultra-Brag jew ta' wieħed mill-korpi tagħha.
- 18 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tqis li għandu jiġi eżaminat jekk il-kundizzjoni li tirrigwarda l-assenza ta' negliġenza manifesta, sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mill-eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 212a tal-imsemmi kodiċi, hijiex sodisfatta, fejn tali evalwazzjoni għandha ssir fir-rigward tal-aġir tal-impjegat li effettivament intervjena fl-operazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Baden-Württemberg (qorti tal-finanzi ta' Baden-Württemberg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel it-tliet domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- "1. L-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna ġuridika ssir debitor ta' dejn doganali bħala persuna li wettqet l-introduzzjoni, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali, meta wieħed mill-impjegati tagħha – li ma huwiex ir-rappreżentant legali tagħha – li aġixxa fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, ikkaġuna l-introduzzjoni kontra l-liġi?"

2. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

It-tieni inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li:

- a) persuna ġuridika tkun ipparteċipat fl-introduzzjoni kontra l-liġi (anki) meta wieħed mill-impjegati tagħha – li ma huwiex ir-rappreżentant legali tagħha – li aġixxa fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu kien involut f'din l-introduzzjoni kontra l-liġi u
- b) fil-każ ta' persuni ġuridiki li jkunu pparteċipaw fl-introduzzjoni kontra l-liġi, l-element suġġettiv li jikkundizzjona l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni – 'li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf' – għandu jiġi evalwat fir-rigward tal-persuna fiżika responsabbli mill-operazzjoni inkwistjoni fl-entità li tikkostitwixxi l-persuna ġuridika, anki jekk ma hijiex ir-rappreżentant legali ta' din il-persuna ġuridika?

3. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda:

L-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-aġir tal-persuna li pparteċipat fl-introduzzjoni kontra l-liġi jinvolvi ingann jew traskuraġni manifesta, hemm lok, fil-każ ta' persuna ġuridika, li ssir referenza biss għall-persuna ġuridika jew għall-korpi tagħha jew għandu jiġi attribwit fir-rigward tagħha, l-aġir ta' persuna fiżika impjegata magħha u li kienet responsabbli mill-operazzjoni inkwistjoni fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha?"

### Fuq id-domandi preliminari

#### *Osservazzjonijiet preliminari*

- 20 Għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-Artikolu 202(1)(a) tal-Kodiċi doganali, dejn doganali jirriżulta f'każ ta' introduzzjoni irregolari ta' merkanzija. Skont din l-istess dispożizzjoni, introduzzjoni ta' merkanzija għandha titqies li hija irregolari jekk ma tkunx ġiet ippreżentata fid-dwana konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 38 sa 41 tal-imsemmi kodiċi.
- 21 Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 202(3) tal-istess kodiċi għandhom bħala għan li jiddefinixxu d-debituri tad-dejn doganali li rriżulta minħabba l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju tal-Unjoni, u dan fl-interess ġenerali ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- 22 Għal dan il-għan, it-tliet inċiżi tal-Artikolu 202(3) ta' dan il-kodiċi jiddeskrivu l-implikazzjoni tal-persuna li għandha titqies li hija d-debitur minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fl-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija. L-ewwel inċiż għalhekk jindikaw bħala debitur il-persuna li wettqet l-introduzzjoni irregolari, jiġifieri dik li suppost kellha tmexxi l-operazzjonijiet ta' ħelsien mid-dwana u tissodisfa l-obbligi tad-dikjarant fid-dwana. It-tieni u t-tielet inċiżi jindikaw il-persuni li, minkejja li ma għandhomx obbligu jipproċedu għall-operazzjonijiet ta' ħelsien mid-dwana skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi kodiċi, kienu madankollu implikati fl-introduzzjoni irregolari jew qabel, jew immedjatement wara.
- 23 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jeħtieġ li tingħata risposta għad-domandi magħmula.

#### *Fuq l-ewwel domanda*

- 24 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna ġuridika, li l-impjegat tagħha, li ma huwiex ir-rappreżentant legali tagħha, ta lok għall-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, tistax titqies bħala debitur tad-dejn doganali li rriżulta minħabba din l-introduzzjoni.



- 25 Qabel kollox, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 202(3) ta' dan il-kodiċi jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jiddefinixxi b'mod wiesa' l-persuni li jistgħu jitqiesu li huma debituri tad-dejn doganali, fil-każ ta' introduzzjoni irregolari ta' merkanzija suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni u li huwa kellu wkoll l-intenzjoni li jiffissa b'mod komplet il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-persuni debituri tad-dejn doganali (ara s-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2004, *Spedition Ulustrans*, C-414/02, EU:C:2004:551, punti 25 u 39; tat-3 ta' Marzu 2005, *Papismedov et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 38, kif ukoll tas-17 ta' Novembru 2011, *Jestel*, C-454/10, EU:C:2011:752, punti 12 u 13).
- 26 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi Doganali jirreferi għal "persuna" li għaliha hija dovuta l-introduzzjoni irregolari, mingħajr ma jispeċifika jekk hijiex persuna fiżika jew persuna ġuridika. Għaldaqstant, kull "persuna" fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni tista' titqies bħala debitur tad-dejn doganali, jiġifieri dik li għandha titqies li, minħabba l-aġir tagħha, tat lok għall-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija (ara s-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2004, *Spedition Ulustrans*, C-414/02, EU:C:2004:551, punt 26, kif ukoll tat-3 ta' Marzu 2005, *Papismedov et*, C-195/03, EU:C:2005:131, punt 39).
- 27 F'dan il-każ, skont l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal deċiżjoni preliminari, l-introduzzjoni ta' merkanzija fit-territorju tal-Unjoni twettqet mill-bdot tal-bastiment li kien qed jitransportaha lejn port fluvjali li kien jinsab f'dan it-territorju, fuq ordni tal-persuna responsabbli mill-affarijiet marbuta mal-esportazzjoni fi ħdan l-impriża li timpjega lit-tnejn. Dan il-bdot huwa l-persuna li kellha, konformement mal-Artikolu 40 tal-Kodiċi doganali, tippreżenta l-merkanzija fid-dwana billi jsemmi d-dikjarazzjoni fil-qosor jew id-dikjarazzjoni doganali prevista f'dan l-artikolu.
- 28 Għadarba ma pproċediex b'dan il-mod, il-bdot tal-bastiment wettaq introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, li, fuq il-bażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-imsemmi kodiċi, jagħmlu debitur tad-dejn doganali li rriżulta.
- 29 Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza li impjegat jintroduċi merkanzija b'mod irregolari fit-territorju doganali tal-Unjoni ma tistax titqies li hija suffiċjenti biex jiġi eskluż li l-persuna fiżika jew ġuridika li timpjega ma tistax titqies bħala debitur tad-dejn doganali li rriżulta minn din l-introduzzjoni irregolari skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-istess kodiċi.
- 30 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li, meta, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, impjegat iwettaq introduzzjoni irregolari filwaqt li josserva l-qafas tal-inkarigu li jkun għe fdat lill mill-persuna li timpjegah u filwaqt li jeżegwixxi l-ordnijiet li jkunu ngħatawlu, għal dan il-għan, minn impjegat ieħor ta' din tal-aħħar, li f'dan ir-rigward ikun kompetenti fil-qafas tal-funzjonijiet tiegħu, l-ewwel impjegat jaġixxi fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu, f'isem u għall-persuna li timpjegah.
- 31 Issa, meta l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni ssir minn impjegat f'isem u għall-persuna li timpjegah, din tal-aħħar għandha titqies li hija l-persuna li, bl-aġir tagħha, hija responsabbli għal din l-introduzzjoni irregolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2004, *Spedition Ulustrans*, C-414/02, EU:C:2004:551, punt 29).
- 32 Għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-persuna li timpjega għandha titqies bħala debitur tad-dejn doganali li rriżulta minħabba l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija, b'applikazzjoni tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali.
- 33 Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza li la l-impjegat li wettaq l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija u lanqas l-impjegat ta' fuqu li taħt l-ordnijiet tiegħu ikun aġixxa ma huma r-rappreżentant legali tal-persuna ġuridika li timpjegahom ma jstax ikollha effett fuq din il-konklużjoni, peress li l-implementazzjoni tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-imsemmi kodiċi fir-rigward tal-persuna li timpjega l-impjegat li wettaq l-introduzzjoni irregolari ma tirrikjedi ebda kundizzjoni oħra minbarra dik li din il-persuna li timpjega għandha jkollha l-kwalità ta' "persuna" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

34 Fid-dawl tal-kunserazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tal-Kodiċi doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna ġuridika, li l-impjegat tagħha, li ma huwiex ir-rappreżentant legali tagħha, iwettaq l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, tista' titqies li hija d-debitur tad-dejn doganali li nħoloq minħabba din l-introduzzjoni, meta dan l-impjegat introduċa l-merkanzija inkwistjoni billi osserva l-qafas tal-inkarigu fdat lillu mill-persuna li timpjegah u billi eżegwixxa l-ordnijiet mogħtija, għal dan il-għan, minn impjegat ieħor ta' din tal-aħħar, li f'dan ir-rigward ikun kompetenti fil-qafas tal-funzjonijiet speċifiċi tiegħu, u b'hekk aġixxa fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu, f'isem u għall-persuna li timpjegah.

35 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

*Fuq it-tielet domanda*

36 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi ddeterminata fir-rigward tal-persuna li timpjega, persuna ġuridika, manuvra frawdolenti jew negliġenza manifesta fis-sens ta' dan l-artikolu, ma għandux isir biss riferiment għall-persuna speċifika li timpjega, iżda għandu wkoll jiġi imputat lilha l-aġir tal-impjegat jew tal-impjegati ta' din il-persuna ġuridika, li kienu inkarigati bl-introduzzjoni tal-merkanzija inkwistjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-kuntest tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

37 Skont l-Artikolu 212a tal-imsemmi kodiċi, it-trattament tariffarju favorevoli, il-ħelsien jew l-eżenzjoni totali jew parzjali ta' dazji fuq l-importazzjoni jew ta' dazji fuq l-esportazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni doganali għandhom japplikaw ukoll fil-każijiet fejn jinħoloq dejn doganali skont l-Artikoli 202 sa 205 tal-istess kodiċi meta l-aġir tal-persuna interessata ma jinvolvi la manuvra frawdolenti u lanqas negliġenza manifesta u li din tal-aħħar tipprovdli l-prova li l-ġew issodisfati "l-kondizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni" tat-trattament favorevoli, tal-ħelsien jew tal-eżenzjoni.

38 Il-kunċett ta' "persuna interessata", fis-sens tal-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali, għandu jinftiehem, fid-dawl tal-kliem ta' din id-dispożizzjoni, bħala riferiment għal kull persuna, fiżika jew ġuridika, li titqies bħala debitur ta' dejn doganali skont wieħed mill-Artikoli 202 sa 205 tal-imsemmi kodiċi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li permezz tal-aġir tagħha din il-persuna wettqet l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni.

39 F'ċirkustanzi bħal dawn inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' manuvra frawdolenti jew ta' negliġenza manifesta min-naħa ta' persuna li timpjega, persuna ġuridika, ma għandux isir biss riferiment għall-persuna speċifika li timpjega, iżda għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-aġir tal-impjegat jew tal-impjegati li, filwaqt li osservaw il-qafas tal-inkarigu fdat mill-persuna li timpjegahom b'mod li jkun aġixxew fil-qafas tal-attribuzzjonijiet rispettivi tagħhom f'isem u għall-persuna li timpjegahom, wettqu l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija.

40 Għandu jiġi osservat ukoll li l-fatt li l-persuni impjegati inkwistjoni ma humiex korpi jew rappreżentanti legali tal-persuna ġuridika li timpjegahom huwa mingħajr effett fuq il-konklużjoni li, fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, l-eżistenza ta' manuvra frawdolenti jew ta' negliġenza manifesta ta' persuna li timpjega, persuna ġuridika, għandha tiġi evalwata billi jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-aġir ta' dawn l-impjegati.

41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 212a tal-Kodiċi doganali għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi ddeterminata, min-naħa ta' persuna li timpjega, persuna ġuridika, miżura frawdolenti jew negliġenza manifesta fis-sens ta' dan l-artikolu, ma għandux biss isir riferiment għall-persuna speċifika li timpjega, iżda

għandu jiġi attribwit lilha wkoll l-aġir tal-impjegat jew tal-impjegati li, filwaqt li osservaw il-qafas tal-inkarigu fdat mill-persuna li timpjegahom b'mod li jkunu aġixxew fil-qafas tal-attribuzzjonijiet rispettivi tagħhom f'isem u għall-persuna li timpjegahom, wettqu l-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-ewwel inċiż tal-Artikolu 202(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna ġuridika, li l-impjegat tagħha, li ma huwiex ir-rappreżentant legali tagħha, iwettaq l-introduzzjoni irregolari ta' merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, tista' titqies li hija d-debitur tad-dejn doganali li nħoloq minħabba din l-introduzzjoni, meta dan l-impjegat introduċa l-merkanzija inkwistjoni billi osserva l-qafas tal-inkarigu fdat lilu mill-persuna li timpjegah u billi eżegwixxa l-ordnijiet mogħtija, għal dan il-għan, minn impjegat ieħor ta' din tal-aħħar, li f'dan ir-rigward ikun kompetenti fil-qafas tal-funzjonijiet speċifiċi tiegħu, u b'hekk aġixxa fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu, f'isem u għall-persuna li timpjegah.
- 2) L-Artikolu 212a tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 1791/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi ddeterminata, min-naħa ta' persuna li timpjega, persuna ġuridika, miżura frawdolenti jew negliġenza manifesta fis-sens ta' dan l-artikolu, ma għandux biss isir riferiment għall-persuna speċifika li timpjega, iżda għandu jiġi attribwit lilha wkoll l-aġir tal-impjegat jew tal-impjegati li, filwaqt li osservaw il-qafas tal-inkarigu fdat mill-persuna li timpjegahom b'mod li jkunu aġixxew fil-qafas tal-attribuzzjonijiet rispettivi tagħhom f'isem u għall-persuna li timpjegahom, wettqu l-introduzzjoni irregolari tal-merkanzija.

Firem